**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 217 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Abdilla,**
**illum Assistent Kummisarju)**

**vs**

**Reuben Micallef**

Illum, 1 ta' Lulju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Reuben Micallef iben Anthony u Maria theresa (ka Marthese) nee Sammut, imwieled San Giljan nhar it-2 ta' Marzu 1974 , u detentur tal Karta ta' l-Identità bin-Numru 13427 (A), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

F' Marzu 2007, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer kif wkoll barra minn dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

1. Ippromwova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja ghaqda ta' zewg persuni jew aktar (u cioe' flimkien ma' David Coleiro u ma' Raymond Debono) bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali (u cioe' frodi ghad-dannu ta'

Raymond Briffa) li ghalihom jista' jehel l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 83A (1), u (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, appartjenejt ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 83A (2), u (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Nakkuza lil Reuben Micallef wkoll talli f' Marzu 2007 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

3. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwru bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.);

5. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel

jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Audio li jinstab San Gwann; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

6. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Strand Electronics Limited li jinstab l-Msida; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

7. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment KVH Computers li jinstab ir-Rabat; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

8. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Vision 2000 li jinstab Hal-Ghaxaq; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

9. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b′ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta′ ismijiet foloz, jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b′ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b′ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta′ intraprizi foloz, jew ta′ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta′ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza′ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b′ qerq ta′ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Infomate Limited/Isecure Limited li jinstab l-Msida; (Dan bi ksur ta′ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta);

10. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b′ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta′ ismijiet foloz, jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b′ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b′ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta′ intraprizi foloz, jew ta′ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta′ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza′ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b′ qerq ta′ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Intercomp li jinstab l-Marsa; (Dan bi ksur ta′ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta);

11. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b′ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta′ ismijiet foloz, jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b′ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b′ ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta′ intraprizi foloz, jew ta′ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta′ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza′ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b′ qerq ta′ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment A to Z Electronics Limited li jinstab l-Msida; (Dan bi ksur ta′ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta);

12. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b′ mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta′ ismijiet foloz, jew ta′ kwalifiki foloz, jew billi inqdew b′ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b′ ohra sabiex igieghel

jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment New Millenium Computer Superstore li jinstab Birkirkara; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

13. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Forestals (Appliances) Limited/FGL Information Technology Limited li jinstab Tas-Sliema; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

14. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Panta Computers Limited li jinstab l-Msida; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

15. U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b' qerq ta' anqas minn elf Liri

Maltin ghad-dannu tal-istabiliment Datax Computer Centre li jinstab Ta' Xbiex; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 t' Ottubru, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 83 a (1), 83 a (2), 83 a (5), 293, 294, 308, 309, 310, 532 a, 532 b u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, sabet u iddikjarat lill-imputat Reuben Micallef mhux hati tal-imputazzjonijiet bin-numri (4), (5), (6), (8), (10), (13), (14) u (15) u minnhom illiberatu skond il-ligi; izda sabithu u iddikjaratu hati tal-imputazzjonijiet bin-numri (1), (2), (3), (7), (9), (11) u (12) u ikkundannatu komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` hames (5) snin.

In oltre, bis-sahha ta` l-Artikolu 532 A tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446, il-Qorti ordnat lill-hati Reuben Micallef ihallas lill-vittmi kollha ta` dan il-kaz kull bilanc li ghadu lilhom dovut, mertu f' din il-kawza.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' April, 2021 talab li jipprezenta referenza Kostituzzjonali u l-prosekuzzjoni ma kellhiex oggezzjoni.

Rat illi nhar id-29 ta' April 2021 l-akkuzat pprezenta nota li permezz taghha pprezenta it-talba tieghu sabiex din il-Qorti tordna referenza Kostituzzjonali a bazi ta' dak mitlub mill-akkuzat fin-nota tieghu fejn irrileva is-segwenti:_

*'Illi l-appelant talab lil din l-Onorabbli Qorti li a tenur ta' artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta il-Qorti ta' l-Appell tassumi l-funzjoni ta' Qorti ta' Droga.*

Illi l-Avukat Generali oggezzjona primarjament peress li piena addebitata lir-reati li l-appellant instab hati taghhom taqbez is-seba' snin prigunerija.

Illi l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 jitkellem fuq reati li ghalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba snin prigunerija.

Illli f'dan il-kaz l-appellant diga gie ikkundannat hames snin prigunerija fuq ir-reati kollha li hu gie mixli bihom.

Illi din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat 23 ta' Frar, 2021 cahdet din it-talba.

Illi l-esponenti jhoss li din ic-cahda kif ukoll l-Artikolu 8 tal Kap 537 jilledu d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti.

Illi din l-lezjoni hija wahda cara kif ukoll l-Artikolu 8 tal-Kap 537 jilledu d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti.

Illi din l-istess ligi hija ukoll incerta fuq jekk l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 ghandux japplika ghal dawk il-persuni li jkunu nstabu hatja ta' reati li ghalkemm dan ir-reat igorr piena li taqbez is-seba' snin prigunerja, tali persuni jkunu gew ikkundannati piena ta' inqas minn seba' snin prigunerija u ma jkun hemm l-ebda appell fuq il-piena min naha tal-Avuakt Generali.

Illi dan l-Artikolu 8 tal-Kap 537 qieghed ukoll jilledi d-dritt ta' l-esponenti ghall-access ghall-Qorti ta' Droga liema dritt ta' access ghandu jkun garantit mill-Artikolu 6 tal-Kap 319 kif ukoll 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 36(1) u 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 ta' l-ewwel Protocol tal- Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319).

Fid-dawl ta' dan l-appellant qieghed umilment jitlob li ghat-tenur ta' l-artikolu 4 (3) tal-kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta'

Malta tibghat din il-kwistjoni dwar il-ksur tad-disposizzjoniiet hawn fuq quddiem il-Prim Awla tal- Qorti Civili.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' April, 2021 fejn ordnat notifika ta' din in-nota lill-Avukat Generali b'jumejn zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Mejju 2021fejn irrileva s-segwenti:-

"Fir-rikors inrisposta l-appellat qieghed jallega ili c-cahda ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga kif ukoll l-artikolu 8 tal-kap 537 jilledu d-drittijiet funamentali tal-appellat ghas-segwenti tlett ragunijiet:-

1. Il-lezjoni hija wahda cara u tikkonsisti f'diskriminazzjoi bejn dawk il-persuni li jkunu gew akkuzati b'reati addebitati b'piena li taqbez is-seba' snin prigunerija u dawk li l-piena tkun anqas minn seba' snin prigunerija.

2. L-istess ligi hija incerta jekk l-Artikolu 8 tal-kap 537 ghandux japplika ukoll ghal persuni li jkunu instabu hatja ta' reat li ghalkemm dan ir-reat ikun igorr piena li taqbez is-seba snin prigunerija, tali persuni jkunu gew ikkundanati piena ta' anqas minn seba' snin prigunerija u ma jkun hemm ebda appell fuq il-piena min naha tal-Avukat Generali.

3. L-artikolu 8 jilledi ukoll id-dritt tal-esponenti ghall-access ghal Qorti ta' Droga liema dritt ta' acces ghandu jkun garantit mill-artikolu 6 tal-kap 319 kif ukoll artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 36(1) u 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjon Ewropeja (Kap 319)

Dwar l-ewwel punt u cioe' dwar id-diskriminazzjoni l-Avukat Generali jissottometti li appellanti ma indikax jekk hux qed jilmenta minn diskriminazzjoni ai termini tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jew taht l-Artikolu

14 tal-Konvenzjoni jew it-tnejn, pero jghid li dak li qed jilmenta minnu l-appellanti ma jiffigura imkien fil-parametri ta' protezzjoni minn trattament diskriminatorju kif sancit mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u bl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u r-appellanti ma inghata l-ebda trattament diskrimiantorju.

L-Avukat Generali jghid li id-disposizzjoni relattiva tal-Kostituzzjoni tiggarantixxi trattament non diskriminatorju b'mod specifiku awtonomu u independenti minn drittijiet u libertajiet ohra ghaliex hija d-diskriminazzjoni fiha innifisha li hija meqjusa bhala s-sisien tal-azzjoni u allura m'hemmx bzonn li ssir referenza ghal xi dritt jew jedd fundamentali iehor (ara **Rose Anne Galea v Onorevoli Prim Minsitru)**[1]

Fil-kaz ta' disposizjoni tal-Konvenzjoni biex dan ikun jista' jigi invokat jehtieg li jkun abbinat ma jedd fundamentali iehor li huwa protett mill-Konvenzjoni u ghalkemm mhux necessarjament irid ikun hemm attwalment sejbien ta' lezjoni f'xi wiehed minn dawn l-istess jeddijiet abbinati (ara **Laurence Borg pre et noe v Avukat Generali**[2] **u Cabales Balkandali v Ir-Renju Unit)** [3]

Dwar dan l-artikolu specifiku tal-Konvenzjoni gie ritenut mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Abdulaziz, Cabales and Balkandali**[4] li :-

> *"Article 14 compliments the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the 'enjoyment of the rights and freedoms safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there*

[1] Qorti Kostituzzjonali deciza 11 ta' April 1995.
[2] Qorti Kostituzzjonali deciza 28 ta' Mejju 2020.
[3] App nos. 9214/80; 9473/81; 9474/81 (QEDB, 28 Mejju 1985).
[4] Deciza nhar it-28 ta' Mejju 1985.

*can be no room for this application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter."*

Illi jidher li l-Konvenzjoni Ewropeja ma tipprotegix lil-individwu minn kull sura ta' diskriminazzjoni f'kul qasam tal-hajja. Minflok hija thares biss lill-individwu minn diskriminazzjoni fit-tgawdija ta' xi wiehed mill-jeddijiet fundamentali tal-bniedem. Dan fil-verita' jirrifletti l-principju li irrispettivament ta' min hu l-individwu kulhadd ghandu igawdi l-istess drittijiet umani u jkollu l-istess access ghalihom. Illi ghal dak li jirrigwarda l-Kostituzzjoni jinghad li l-ilment irid jigi imsejjes fuq li wiehed mill-irjus imsemmija fl-Artikolu 45(3) tal-istess Kostituzzjoni – haga li ma saritx u li abbazi ta' dan in-nuqqas, l-ilment tal-appellant ghandu jigi michud abbazi ta' dan il-fatt.

Ulterjorment fis-sentenza **Angelo Xuereb v Kummissarju tal-Pulizija,**[5] il-Qorti qalet li l-awturi V**an Dijk u Van Hoof** b'referenza ghal dan il-passagg fuq milsut mis-sentenza Abdulaziz jispjegaw li:-

*"This formula makes it clear that Article 14 is not independent, in the sense that there has to be at least some kind of relation with the rights and freedoms of the Convention, differential treatment in a field which falls outside the scope of the convention cannot ammount to a vioation of Article 14.) "*[6]

Applikat dan il-principju ghall-kaz taghna huwa car daqs il-kristall li l-appellant ma uriex kif dan l-ilment tad-diskriminazzjoni huwa marbut ma' xi dritt sostantiv iehor li jinsab protett fil-Konvenzjoni Ewropea. Ghalhekk *stricto iuris* minhabba dan il-fattur wahdu, l-ilment tal-appellant abbazi tal-Artikolu 14 ukoll lanqas biss jista' jigi kkunsidrat.

Apparti minn hekk hemm element iehor li ma jinsabx sodisfatt mill-appellant biex jkun jista jigi fis-sehh il-provediment dispost fl-artikolu 14. F'dan il-kwadru,

[5] Qorti Kostituzzjonali deciza 17 ta' Frar 1999.
[6] Theory &Practice of the European Convention on Human Rights Kluwer 1960 p 536.

ghandu jinghad li skont dan l-artikolu 14, it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assoccjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, propjeta' twelid jew status iehor;

Illi fic-cirkustanzi tal-kaz odjern ma giet allegata ebda diskriminazzjoni ghal xi raguni ta' status kif mitlub sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Kif intqal fis-sentenza, **Enrietta Bianchi et vs. Avukat Generali et**,[7] "mhux kull trattament divers iwassal ghal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 imsemmi izda biex tigi ravvizata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wiehed mill-istatus elenkati f'dak l-artikolu jew fuq xi generu ta' status iehor (Ara kaz **Kjeldsen, Busk Madsen u Pedersen v. Denmark**;[8] kaz **Carson u ohrajn v. UK**[9])

Anke minn din il-perspettiva, ma giex pruvat mill-appellant li l-allegat trattament diskriminatorju, kien imsejjes fuq xi kawzali ta' status, inkwantu karatteristika personali tal-appellant. Ghalhekk galadarba t-trattament divers imqanqal mill-appellant ma huwiex xprunat fuq l-ebda wiehed mill-kawzali li jinsab protett mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, isegwi li anke minn dan l-aspett, l-ilment tal-appellanti ma jistax jigi milqugh.

B'zieda ma' dan, minghajr pregudizzju ghal dak kollu li ghadu kemm intqal dwar l-elementi tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, *dato ma non concesso* wiehed kellu jammetti li l-ilment tal-appellant jissodisfa l-presupposti kollha tal-ligi biex din tkun tista' tigi proposta u migjuba 'l quddiem, xorta wahda fl-umli hsieb tal-esponenti, mill-aspett fattwali l-appellant ma jistax jilmenta minn ebda trattament diskriminatorju.

F'dan il-qafas, biex wiehed ikun jista' jitkellem fuq lezjoni taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, jehtieg li min jallega d-

---

[7] Qorti Kostituzzjonali deciza fl-24 ta' Gunju 2011.
[8] App nos 5095/71; 5920/72; 5926/72 (QEDB, 7 Dicembru 1976)
[9] App 42184/05 (ECtHR, 16 Marzu 2010)

diskriminazzjoni jkun f'pozizzjoni adegwata li jipparaguna lilu nnifsu ma' klassi ta' persuni ohra li jkunu gew trattati b' mod vantaggjuz jew inqas zvantaggjuz minnu. Naturalment, il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni timporta zewg elementi u cioe' li l-lanjant ma giex trattat b'certu mod, waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi, (in pari condizione) gie jew kien gie trattat b'certu mod jew li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor, irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari (**Avukat Dottor Louis Galea nomine vs. il-Kummissarju tal-Pulizija et**).[10]

Wisq logikament, sabiex ikun hemm diskriminazzjoni, is-sitwazzjoni tal-izvantaggjat u l-vantaggjat iridu jkunu analogi fuq kollox, ghaliex f'dawn ic-cirkustanzi biss id-differenza tkun tista' tassumi rilevanza fil-parametri tal-Artikolu 14 u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk kif bosta drabi gie ritenut fil-gurisprudenza l-paragun allura jrid isir 'like with like'.

Illi fost il-gurisprudenza f'dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza ghal sentenza ricentissima senjatament is-sentenza fl-ismijiet **Joseph u Maria Victoria konjugi Borg vs Onorevoli Prim Ministru et**,[11] fejn intqal hekk:

> Id-diskriminazzjoni illeċita iżda ma hijiex li ma tittrattax lil kulħadd b'mod ugwali, iżda li ma tittrattax b'mod ugwali li min qiegħed f'sitwazzjoni ugwali. Id-diskriminazzjoni illeċita sseħħ kemm meta tittratta b'mod differenti lil min hu fl-istess sitwazzjoni u wkoll meta tittratta bl-istess mod li min hu f'sitwazzjoni differenti.

Illi fil-kaz odjern ma jirrizultax li kien hemm xi diskriminazzjoni kontra l-appellant u dan stante li hu ma nghatax trattament differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu jinsabu fl-istess posizzjoni legali bhal dik tieghu. Il-fatt illi l-ligi teskludi reati li ghalihom hemm piena ta' aktar minn seba' snin prigunerija mhuwiex fih innifsu diskriminatorju. Li hu relevanti huwa illi dawk

[10] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar, 1990.
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2021.

kollha li huma akkuzati jew appellati li nstabu hatja ta' reat li jgorr mieghu piena ta' aktar minn seba' snin prigunerija kien milquta bl-istess mod bil-ligi u ghalhekk m'hemmx diskriminazzjoni.

Illi jsegwi ghalhekk li l-appellant mhu qed igarrab ebda lezjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

Dwar it-tieni punt, l-Avukat Generali jissottometti illi l-appellant ma bbaza ruhhu fuq ebda artikolu tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni u ghaldaqstant jekk ser jinsisti fuq dan il-punt l-appellant jehtieg illi jindika abbazi ta' liema artikolu tal-ligi qieghed jibbaza l-ilment tieghu u l-esponent jirrizerva illi jwiegeb ulterjorment jekk ikun il-kaz;

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal premess l-esponent isostni illi f'dan il-kaz ma hawn ebda incertezza fil-ligi. Jibda biex jinghad illi l-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistipulax ir-reat jew il-piena ghar-reat li bih qieghed jigi akkuzat l-appellant. Jinghad ukoll illi l-appellant mhuwiex qieghed jghid illi fiz-zmien li twettaq, l-eghmil tieghu ma kienx jikkostitwixxi reat o meno. Dan qieghed jinghad ghaliex il-pern tal-Artikolu tal-ligi illi jitkellem dwar ic-certezza legali huwa propju illi dan u cioe' illi hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi atti jew ommisjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. F'dan ir-rigward la hemm u lanqas jista' jkun hemm ilment;

Illi dak illi qieghed jghid l-appellant huwa illi l-ligi mhijiex hija incerta u b'dan l-Avukat Generali qieghed jifhem illi r-rikorrent qieghed jghid illi l-ligi mhijiex cara. L-Avukat Generali isostni illi d-dicitura tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 hija cara u tistabilixxi b'mod car min jista' jitlob lil Qorti sabiex tikkonverti ruhha f'Qorti tad-Droga. Il-parti tal-Artikolu 8 rilevanti ghall-ilment tal-appellanti hija s-segwenti:

> *"jekk hi akkuzata bit-twettiq ta' xi reat li ghalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin prigunerija."*

Fil-fhema tal-Avukati Generali dan l-Artikolu ma jaghti lok ghal ebda incertezza legali ghax qieghed jindika b'mod car illi qieghed jitkellem fuq reati li jgorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin prigunerija. Fil-fhema tal-Avukat Generali ikun hemm incertezza legali jekk kif prova jinterpretaha l-appellant il-kriterju ikun marbut maz-zmien ta' prigunerija li tiddeciedi li taghti l-Qorti fis-sentenza taghha u dan peress illi l-appellant ma jkollu ebda mod kif ikun jaf jekk hux ser ikun eligibbli o meno;

Illi fi kwalunkwe kaz pero' l-esponent isostni illi kif jinghad fis-sentenza **S.W. u C.R. v. United Kingdom;**[12]

> *"judicial interpretation of criminal law provisions was a widespread and even necessary feature. Article 7 cannot be read as prohibiting the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case, but the resultant development must be within the bounds of reasonable foreseeability and not alter the 'essence' of the offence. (Kokkinakis para 52 u G v France para 26)*

L-esponent jaghmel referenza wkoll ghas-sentenza **Kokkinakis v. Greece**[13] fejn il-Qorti Ewropeja qalet li l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea joffri, dak li hija sejhet bhala "*essential safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment*" u spjegat illi:-

> *"Article 7 embodies the general principle that offences must be based in law, and that an individual must be able to know from the wording of the relevant provisions, and if need be, with the assistance of the court's interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable. (para. 52)"*

[12] App no 20166/92 (QEDB, 22 Novembru 1995).
[13] App 14307/88 (QEDB, 25 Mejju 1993).

*"It generally entails that the law must be adequately accessible – an individual must have an indication of the legal rules applicable in a given case – and he must be able to forsee the consequences of his actions, in particular, to be able to avoid incurring the sanction of the criminal law. (G v France 25 where notwithstanding changes in legislation leading to reclassification of the sexual offences of which the applicant was accused, these fell within the scope of the Criminal Code provisions, which were accessible and foreseeable). In terms of the standard of foreseeability, absolute certainly cannot be requires, and indeed may be undesirable, entailing the risk of excessive rigidity, since the law has to be able to keep pace with changing circumstances. A standard of 'reasonable foreseeability' is sufficient.*

Illi in vista tas-suespost anke dan l-ilment ghandu jigi meqjus illi huwa frivolu u vessatorju.

Dwar it-tielet punt u cioe' dwar l-ilment ghal nuqqas ta' access ghall-Qorti, l-Avukat Generali jissottometti preliminarjament illi l-appellant naqas milli jispjega kif qieghed jallaccja l-artikoli invokati minnu mal-ilment dwar in-nuqqas ta' access ghall-Qorti. Fl-umli fhema tal-Avukat Generali ebda wiehed mill-Artikoli invokati mill-appellant ma huwa rilevanti ma' ilment ghal nuqqas ta' access ta' smiegh xieraq. Dan peress illi l-Artikolu 6 tal-Kap 319 imsemmi minnu jitkellem dwar esegwibilita' ta' decizjonijiet tal-Qorti Ewroipeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u ma jikkostitwixxix wiehed mid-drittijiet sostantivi, l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja jitkellem dwar dritt ghal rimedju effetiv, l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jitratta trattament inuman u degredanti u f'dan ir-rigward ma jidher illi ma hemm ebda ilment u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jitratta d-dritt ghat-tgawdija tal-propjeta' u f'dan il-kaz ma hawn l-ebda propjeta' li dwarha qieghed isir xi lment. Abbazi ta'dan biss it-talba tal-appellant ghandha tigi michuda.

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal premess l-Avukat Generali jissottometti illi l-access ghall-Qorti ma jfissirx illi l-ligi ghandha tinkiteb kif tkun

tixtieq il-parti. Il-kuncett kollu ta' smiegh xieraq illi jinkludi fih id-dritt ghal access ghal qorti huwa mixhut esklussivament fuq il-*'procedural fairness'* ta' kawza. F'dan il-kaz l-appellant huwa bhalissa ghaddej mill-process gudizzjarju propju sabiex jigi determinat jekk huwiex hati o meno tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk certament ma jista jghid illi m'ghandux access ghall-qorti u inoltre ma hemmx ilment dwar dan il-process gudizzjarju li hu ghaddej minnu marbut ma xi nuqqas procedurali u ghalhekk anke minn dan l-aspett l-ilment tal-appellant ghandu jigi michud.

Illi ghaldaqstant, u fid-dawl tas-suespost, l-Avukat Generali jissottometti illi t-talba hekk kif dedotta mill-appellant fin-nota in risposta m'ghandhiex tigi akkolta minn din l-Onorabbli Qorti u ghandha tigi ddikjarata bhala wahda sempliciment frivola u vessatorja u ntiza biss sabiex tittanta tistagna l-process kriminali.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2021 il-partijiet irrimettew ruhhom ghan-noti taghhom.

Ikkunsidrat,

L-Artikolu 4(3) tal-Kap 319 u l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jipprovdu illi jekk f'xi proceduri f'xi qorti, li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Cvili jew il-Qorti Kostituzzjonali, tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja. Illi jekk il-kwistjoni jew kwistjonijiet imqajma huma fil-fhema ta' din il-Qorti frivoli jew vessatorji, din il-Qorti ghandha tichad it-talba maghmulha mir-rikorrenti appellanti. Izda jekk minn naha l-ohra, il-Qorti hija tal-fehma li l-kwistjonijiet imqajma ma humiex la frivoli u lanqas vessatorji, din il-Qorti trid ghalhekk tilqa' t-talba u tordna referenza Kostituzzjonali. Sabiex din il-Qorti tqis jekk il-kwistjonijiet imqajma rikorrenti appellanti timmeritax referenza Kostituzzjonali, l-ezami li jrid isir

minn din il-Qorti huwa dak tal-*prima facie* u ghalhekk l-akkoljiment jew ic-cahda tat-talba tar-rikorrenti appellanti sabiex issir referenza Kostituzzjonali **ma jkun bl-ebda mod ifisser** [14] li din il-Qorti tkun qieghda tippronunzja ruhha dwar il-lanjanzi mressqa mir-appellanti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Alan Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et'**,[15] il-Qorti kkunsidrat li;

> *'"frivola" riferibbilment għall-kwistjoni Kostituzzjonali li tiġi sollevata quddiem xi qorti - barra l-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili - tfisser li dik il-kwistjoni hija, ta' ebda preġju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta' manifestament nieqsa mis-sens, li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; waqt li "vessatorja" tfisser li l-kwistjoni ġiet sollevata mingħajr raġunijiet suffiċjenti u b-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti;'*

Ikkunsidrat,

Illi in succint il-lanjanzi imqajma mir-appellanti fir-rikors in kwistjoni jikkoncerna ic-cahda ta' din il-Qorti hekk kif preseduta milli tikkonverti ruhha f' Qorti tad-Droga u Artikolu 8 ta' Kap 537 u li dan bid-digriet gew miskura d-drittijiet fundamentali tieghu a bazi s-segwenti:

1. Illi tezisti diskriminazzjoni bejn dawk il-persuni li jkunu gew akkuzati b'reati adebitat b'piena li taqbez is-seba' snin prigunerija u dawk li l-piena tkun inqas minn seba' snin prigunerija;

2. Illi l-ligi hija incerta dwar jekk l-Artikolu 8 tal-Kap 537 ghandux ukoll japplika ghal dawk il-persuni li jkunu nstabu hatja ta' reat, u nghataw sentenza taht il-hames snin prigunerija, minkejja li tali reat ikun jaqbez is-seba' snin prigunerija;

---

[14] Enfazi ta' din l-Onorabbli Qorti.
[15] Deciza fit-23 ta' Novembru, 1990.

3. Illi Artikolu 8 ta' Kap 537 qieghed ukoll jilledi d-dritt tal-esponent ghall-access ghall-Qorti ta' Droga;

4. Illi minhabba dak sucitat r-appellanti qed isofri vjolazzjoni fid-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-Avukat Generali qasam r-risposta tieghu fi tlett partijiet: dwar l-ilment tal-allegata diskriminazzjoni; dwar l-ilment tal-incertezza fil-ligi u dwar l-ilment ghal nuqqas t'access ghall-Qorti. Ylterjorment l-Avukat Generali jsostni li din l-Qorti ma hiex obbligata li tilqa' talba sabiex issir referenza Kostituzzjonali u dan ghaliex tali talba hija fil-fehma taghha 'frivola u vessatorja'.

Fid-dawl tal-premess, sabiex din il-Qorti tkun tal-fehma li l-lanjanzi mqanqla mir-appellanti humiex sempliċiment frivoli u/jew vessatorji, trid tkun konvinta li l-lanjzanzi m'humiex fost dawk li: "*prima facie, m'għandhomx jitqiesu ta' ebda preġju jew valur, vani, nieqsa mis-serjeta, manifetament nieqsa mis-sens li ma jistħoqqilhomx attenzjoni, u/jew, li ġew sollevati mingħajr raġunijiet sufficjenti u bl-iskop li jdejqu u jew jirritaw lill-kontroparti.*" (ara f'dan is-sens **Alan Mifsud vs Avukat Ġenerali**[16], u **Il-Pulizija vs Noel Arrigo et**[17]).

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Mary Fatima Vassallo vs Daniel Spiteri et**[18],:

> *"Issa l-esistenza ta' rimedju ordinarju ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta'* ***fatt attwali u obbjettiv****, u d-diskrezzjoni ta' l-Qorti li ma tezercitax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-esistenza ta' rimedju iehor hija decizjoni fuq dak l-****istat ta' fatt****. Huwa biss meta jew*

[16] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Novembru 1990.
[17] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Ottubru 2003.
[18] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-10 ta' April 2014.

*jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li jezisti rimedju iehor* ***effettiv*** *ghar-appellanti li l-Qorti tista' taghzel illi ma tezercitax is-setghat taghha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha. F`kaz li ma jirrizultax rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment.*

....

*"L-esistenza ta` rimedju iehor ghandha titqies fil-kuntest tal-ksur tad-dritt fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser.* ***Ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur****. Ma hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li sejjer jaghti lir-appellanti success garantit. Huwa bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci."*

**Kwistjoni ta' diskriminazzjoni.**

Din il-Qorti tixtieq tibda billi taghmel referenza ghall-ewwel punt dwar l-ilment tal-appellant dwar l-allegat diskriminazzjoni. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li jghid Artikolu 14 ta' l-ewwel skeda ta' Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, li huwa l-istess bhall-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan l-Artikolu jistipula b'mod car illi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, hekk kif kontemplati fil-Konvenzjoni, ghandhom jigu assigurati minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, propjeta', twelid jew status iehor. Ghalkemm il-ligi ma tipprovdix definizzjoni ta' diskriminazzjoni diretta, madankollu huwa mifhum illi din tirrigwardja trattament differenti ghal persuni li jinsabu fl-istess cirkustanzi jew f'cirkustanzi simili hafna u bbazat fuq status jew karatteristika identifikabbli (Ara fost ohrajn **Biao v. Denmark**[19]).

[19] App no 38950/10 (QEDB, 24 Mejju 2016).

Il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem mhux l-ewwel darba li enfasizzat illi Artikolu 14 jikkumplimenta l-Artikoli sostansivi tal-Konvenzjoni u ma jistax jittihed f'kuntest wahdu (Ara fost ohrajn **Molla Sali v. Greece**;[20] **Carson and Others v. UK**;[21] **E.B. v. France**[22] u **Marckx v. Belgium**[23]). Fil-prattika l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem dejjem tezamina Artikolu 14 flimkien ma Arikolu sostansiv, bhal per ezempju Artikolu 14 kien instab applikabbli fi kwistjonijiet tad-dritt tal-liberta' tal-espressjoni u assocjazzjoni (Ara **Bączkowski and Others v. Poland**[24]). Illi r-rikorrenti appellant fin-nota tieghu dan ma ghamlux. Ghalhekk, f'dan ir-rigward u in vista ghal dak sucitat, din il-Qorti ma taqbilx li tezisti diskriminazzjoni u dan stante l-fatt li l-appellant ma giex trattat differenti minn persuni ohrajn li qeghdin fl-istess sitwazzjoni tieghu u ghaldaqstant isegwi li l-appellant ma garrab l-ebda lezjoni ta' Artikolu 14 f'dan ir-rigward.

**Nuqqas ta' certezza legali**

Illi l-appellant qieghed jallega wkoll ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu bbazat fuq in-nuqqas ta' certezza legali ta' Artikolu 8 ta' Kap 537. Din il-Qorti ma hijiex kompetenti biex tiddeciedi dwar jekk tirrizultax vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kompetenza fdata lil Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u l-Qorti Kostituzzjonali, izda sabiex tara jekk fid-dawl tal-incertezza legali sollevata mir-rikorenti appellanti hemmx lok ghal referenza kostituzzjonali sabiex l-ilment tieghu jigi investigat *in funditus*.

Fir-rigward tac-certezza legali, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid **Paul Heinrich Neuhaus** fl-Artikolu tieghu *Legal Certainty versus Equity in the Conflict of Laws:*[25]

[20] App no 20452/14 (QEDB, 18 Gunju 2020).
[21] App no 42184/05 (QEDB, 16 Marzu 2010).
[22] App no 43506/02 (QEDB, 22 Jannar 2008).
[23] App no 6833/74 (QEDB, 13 Gunju 1979).
[24] App no 1503/06 (QEDB, 24 September 2007).
[25] Paul Heinrich Neuhaus, Legal Certainty versus Equity in the Conflict of Laws, 28 *Law and Contemporary Problems* 795-807 (Fall 1963).

*The struggle between legal certainty and equity is as old as the law itself. Only the labels have changed: while formerly discussion proceeded in terms of ius strictum and ius aequum, the expressions currently preferred, especially in Germany, are "legal certainty" and "justice (in individual cases)." Whatever terms are used, they refer to two different aspects of the law. One is the public interest in* ***clear, equal, and foreseeable rules of law which enable those who are subject to them to order their behavior in such a manner as to avoid legal conflict or to make clear predictions of their chances in litigation****. The other is the need for deciding current, concrete disputes adequately, by giving due weight to the special and perhaps unique circumstances of each case.* ***The former aspect calls for legislation, the latter for judicial decision.***

Fil-każ ta' **Albu v Romania**[26], dwar il-prinċipju ta' ċertezza legali:

*"In its recent Grand Chamber judgment in* ***Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey****,[27] the Court reiterated the main principles applicable in cases concerning the issue of conflicting court decisions. These can be summarised as follows:*

*"(i) It is not the Court's function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention (see* ***García Ruiz v. Spain****.[28] Likewise, it is not its function, save in the event of evident arbitrariness, to compare different decisions of*

[26] App. No. 34796/09 (ECtHR 10 Awwissu 2012).
[27] App. no. 13279/05. (EctHR [GC] 20 October 2011) §§ 49-58.
[28] App. no. 30544/96. (ECHR [GC], 21 Jannar 1999) § 28.

*national courts, even if given in apparently similar proceedings, as the independence of those courts must be respected (see* ***Ādamsons v. Latvia***[29]*);*

*"(ii) The possibility of conflicting court decisions is an inherent trait of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. Such divergences may also arise within the same court. That, in itself, cannot be considered contrary to the Convention (see* ***Santos Pinto v. Portugal***,[30] *and* ***Tudor Tudor v. Rumania.***[31]*)*

*"(iii) The criteria that guide the Court's assessment of the conditions in which conflicting decisions of different domestic courts ruling at last instance are in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of the domestic courts, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been applied and, if appropriate, to what effect (see* ***Iordan Iordanov and Others***;[32] *see also* ***Beian v. Rumania*** *(no. 119);*[33] ***Ştefan and Ştef v. Romania***;[34] ***Schwarzkopf and Taussik v Czech Republic***;[35] ***Tudor Tudor v Rumania***;[36] *and* ***Ştefănică and Others.***[37]

*"(iv) The Court's assessment has also always been based on the principle of legal certainty which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the fundamental aspects of*

---

[29] App no. 3669/03 (EctHR 24 June 2008) § 118.
[30] App. no. 39005/04, (EctHR 20 May 2008) § 41.
[31] App. no. 21911/03 (EctHR 24 Gunju 2009) § 2918.
[32] App. no: 23530/02 (ECtHR 2 Lulju 2009) §§ 49-50.
[33] App.No 30658/05. (ECtHR 6 Dicembru,2007) §§ 34-40.
[34] App nos. 24428/03 and 26977/03. (ECtHR 27 April 2009) §§ 33-36.
[35] App no. 42162/02 (ECtHR 2 December 2008).
[36] Op. cit n 17 § 31.
[37] App. no 38155/02. (ECtHR 2 Frar 2011) § 36.

*the rule of law (see, amongst other authorities,* ***Beian (no. 1)***;[38] ***Iordan Iordanov and Others***;[39] *and* ***Ştefănică and Others***[40]*);*

*(v) The principle of legal certainty, guarantees, inter alia, a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts. The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see* ***Paduraru v. Romania***;[41] ***Vinčić and Others v. Serbia and others***;[42] *and* ***Ştefănică and Others***[43]*);"*

*(vi) However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law (see* ***Unédic v. France***[44]*.)*

*Case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform or improvement (see* ***Atanasovski v. "the Former Yugoslav Republic of Macedonia***[45]*.*

Din il-Qorti ezaminat dak li jipprovdi l-**Artikolu 8 (1) tal-kapitolu 537** tal-ligijiet ta' Malta ai fini tat-talba tal-appellanti li jipprovdi s-segwenti:-

[38] App.No 30658/05. (ECtHR 6 Dicembru,2007) § 39.
[39] App. no. 13279/05. ( EctHR [GC] 20 October 2011 § 47.
[40] App. no 38155/02. (ECtHR 2 Frar 2011)§ 31.
[41] App. no. 63252/00.(ECHR 1 Marzu 2006) § 98.
[42] App. nos. 44698/06 .(ECHR 1 December 2009) § 56.
[43] App. no 38155/02. (ECtHR 2 Frar 2011) § 38.
[44] App. no. 20153/04 (18 December 2008) § 74.
[45] App no.36815/03. (EctHR 14 January 2010) § 38.

8. (1) *Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal procedure quddiem il-Qorti Kriminali, jew* ***hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija,***[46] *u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista' jaghmel talba quddiem din il-Qorti u cioe' sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisfatti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe':_

1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' (7) snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t-tieni kundizzjoni u cioe'

2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) ta' Artikolu 8 ta' Kap. 537 huma sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet li ghandhom jigu sodisfatti ghall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li gejjin:

---

[46] Enfasi ta' din l-Onroabbli Qorti.

*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija, ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*

*(c) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga*

Illi pero din il-Qorti ma tistax tara jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub-inciz (2) humiex sodisfatti qabel ma taccerta ruhha li l-piena ghar-reati adadebtati fil-konfront tal-appellant ma tecceddix is-seba' snin prigunerija.

Din il-Qorti taghmel referenza ghad-digireti moghtija minn din l-istess Qorti fl-ismijiet **il-Pulizija vs Stehpen Borg**[47] u **Pulizija vs Roderick Zahra et**[48] u ghad-digriet moghti minn din il-Qorti diverament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleri) vs Massimo Caruso**[49] fejn il-Qrati spjegat kif ghandu jigi interpretat is-sub-inciz (1) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta sakemm ikun hemm intervent legislattiv jekk il-legislatur huwa tal-fehma li it-tifsira li qed tinghata mill-Qorti hija wahda zbaljata u ma tirriflettix l-intenzjoni tal-legislatur.

Illi fil-kaz in ezami jidher car li l-piena tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellant imorru hafna oltre is-seba' (7) snin prigunerija imsemmija fis-sub-inciz (1) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta minkejja li l-Ewwel Qorti ikkundannatu ghall-hames (5) snin prigunerija dwar l-akkuzi li sabitu hati taghhom.

[47] Deciz minn din l-Onorabbli Qorti fil-11 ta' Lulju, 2019.
[48] Deciz minn din l-Onorabbli Qorti fit-12 ta; Novembru, 2019.
[49] Deciza 24 ta' April 2020 App Numru 52/2015.

Ikun tajjeb li din l-Onorabbli Qorti taghmel referenza ghad-dibattitu tal-Kamra tad-Deputati ta' nhar id-9 ta' Dicembru, 2014,[50] fejn l-Onorevoli Beppe Fenech Adami qal hekk fuq dan l-Artikolu tal-Ligi:

> *'Hemm ukoll il-parti tal-liġi li titkellem fuq il-kwestjoni tal-persuni li jinqabdu b'ammont ta' droga li jkun ammont li jindika li ma jkunx għall-użu personali tagħhom biss, però jkunu persuni li ħafna drabi jkunu daħlu tant fil-vizzju li jkollhom jixtru u jbigħu d-droga biex jiffinanzjaw il-problema li għandhom. Hawnhekk irrid ngħid li aħna wkoll naqblu mal-mod kif qed jiġi propost f'din il-liġi, kif spjega tant tajjeb il-Ministru, ta' kif fil-każ ta' persuna li titressaq b'reati fejn l-ammont ta' droga jkun ta' inqas minn 300g u/jew **<u>is-sentenza ta' priġunerija</u>** tkun ta' inqas minn seba' snin'*

Ghalhekk *strict iuris* meta l-legislatur haseb ghall-emenda fil-ligi sabiex jaghti s-setgha lil qorti ta' revizjoni sabiex tikkonverti ruhha f'Qorti dwar id-Droga, il-legislatur ried li l-Qorti tkun tista tikkonverti ruhha fi Qorti ta' Droga **<u>biss</u>**[51] wara li ssir indagini li s-sentenza li tista' tinghata tkun inqas minn seba' (7) snin prigunerija. Dan in omagg mal-Artikolu 8 li jiddisponi testwalment:

> **"Meta l-persuna akkużata ….. <u>hi akkużata</u> bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija …."** (sottolinjar tal-Qorti)

Illi fil-fehma ta' din l-Onorabbli Qorti l-kliem tal-legislatur allura ma jaghti lok ghall-ebda interpretazzjoni nonnostante li setgha kien hemm Qrati ohra li qeghdin jimxu bil-kejl tal-piena moghtija u cioe' jekk il-piena moghtija mill-Qorti ta' pirm istanza hija inqas minn seba' (7) snin prigunerija u l-appell intavolat

[50] Seduta nru 220.
[51] Enfazi ta' din l-Onorabbli Qorti.

huwa tal-appellant, u konsegwentment ma jistax jkun hemm zieda fil-piena allura dan jista jigi miftiehem li dik il-Qorti tista tilqa' it-talba ghall-konversjoni ghal Qorti ta' Droga.

Huwa mehtieg li l-ligijiet jigu miktuba b'mod car u b'reqqa kbira. Nuqqas ta' kjarezza f'dan ir-rigward jista' jwassal ghal interpretazzjoni differenti minn dik li originarjament kellu f'mohhu l-legislatur. Dan nonnostante jirrizulta li -kime tal-ligi jirriflettu l-hsieb tal-legislatur, fir-rigward ta' Artikolu 8 ta' Kap. 537,

Ghalhekk in vista tas-suespost dinil-qorti ma hiex tal-fehma li hemm incertezza legali f'dan id-dispost tal-ligi u konsegwentement it-talba rikorrenti ma iex ser tigi milqugha f dan ir-rigward.

**Nuqqas ta' access lejn il-Qorti.**

L-appellant jaccena wkoll illi Artikolu 8 ta' Kap 537, ukoll jilledi d-dritt tal-esponent mill-access ghall-Qorti ta' Droga. Minkejja li l-Artikoli tal-ligi li jaghmel referenza ghalihom l-appellant fin-nota tieghu ma jikkombaccawx ma dak li huwa qed jikteb fl-istess nota, jidher b'mod car li dan qieghed jirreferi ghall-ksur tad-dritt ta'smiegh xieraq. Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Zubac v. Croatia**[52] fejn il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet li:

> *'the right of access to a court is impaired when the rules cease to serve the aims of legal certainty and the proper administration of justice and form a sort of barrier preventing the litigant from having his or her case determined on the merits by the competent court.'*[53]

Dan il-pronunciment gie segwit f'diversi sentenzi sabiex jigi determinat jekk certu ligijiet irristringewx b'mod mhux gustifikat applikanti mid-dritt ghall-

---

[52] App no 40160/12 (QEDB, 5 April 2018).

[53] Ara wkoll *Efstathiou and Others v. Greece* App no 36998/02 (QEDB, 11 Dicembru 2006) u *Syngelidis v. Greece* App no 24895/07 (QEDB, 28 Gunju 2010).

access għall-Qrati. (Ara fost oħrajn **Maširević v. Serbia**[54] u **Cornea v. the Republic of Moldova**.[55])

Fis-sentenza bl-ismijiet **Nowinski v. Poland**,[56] il-Qorti Ewropeja qalet bl-iktar mod ċar illi:

> 'it *is primarily for the national authorities, notably the courts, to resolve problems of interpretation of domestic legislation.'*

Għalhekk il-Qorti, filwaqt li tirreferi għal-konsiderazzjonijiet kollha magħmula supra, tiddeċidi li ma tilqax it-talba sabiex issir referenza kostituzzjonali stante li ma teżisti l-ebda deskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, ma hemm l-ebda stat ta' inċertezza legali dwar l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Artikolu 8 ta' Kap 537 tal-Liġijiet ta' Malta u in oltre anqas ma jirriżula li hemm nuqqas ta' access lejn il-qorti u għalhekk tiċħad it-talba rikorrenti sabiex issir referenza kostitutzzjonali u bħala konsegwenza qed għa tordna kontinwazzjoni u prosegwiment tal-każ.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imħallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Reġistratur

54 App no 30671/08 (QEDB, 11 Mejju 2014).
55 App no 22735/07 (QEDB, 22 Ottubru 2014).
56 App no 25924/06 (QEDB, 20 Jannar 2010).